# TAGĦRIF ĠDID DWAR IS-SALIB TAL-PJAZZA.

- ***Il-"bravura" taż-Żwieten li ħatfu s-salib minn ħalq il-Franċiżi fl-1798.***
- ***Deskrizzjoni tas-salib oriġinali mir-rev. Peder Pavels, ministru Luteran.***
- ***Is-salib oriġinali kien ġie mibdul fl-1850.***
- ***L-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju flok is-salib għand il-kapuċċini.***


Is-Salib li fil-preżent jiddomina l-pjazza taż-Żejtun.

Wieħed mill-aktar monumenti storiċi li jinsabu fiż-Żejtun, bla dubju ta' xejn hu s-salib tal-pjazza. Hu monument li minħabba l-pożizzjoni u l-kobor tiegħu mill-ewwel jiġbed l-attenzjoni ta' kull min iżur iż-Żejtun.

**Ir-Rewwixta kontra l-Franċiżi (1798-1800)**

Ħafna huma ż-Żwieten li jafu l-istorja tas-salib u għaliex ġie mwaqqaf fejn qiegħed, viċin il-knisja parrokkjali. Malajr igħidulek, fi kliem li storikament mhux eżatt, li dak is-salib kien intrebaħ miż-Żwieten f'waħda mill-ġlidiet tagħhom kontra l-Franċiżi u tqiegħed hemmhekk bħala sinjal tar-rebħa. Fil-fatt li sewwa sew ġara kien hekk. Mitejn sena ilu, il-Franċiżi, taħt Napuljun Bonaparti, keċċew minn Malta lill-Kavallieri ta' San Gwann. Kien ix-xahar ta' Ġunju, 1798. Ftit wara l-Franċiżi għamlu l-iżball li bdew jisirqu mill-knejjes Maltin, u l-Maltin qamu f'rewwixta kontra tagħhom, tant li l-Franċiżi kellhom jingħalqu wara s-swar tal-Belt Valletta, il-Furjana u l-Kottonera. Huma damu sentejn sħaħ assedjati mill-Maltin, li aktar tard kienu megħjjuna mill-Ingliżi, li kienu fi gwerra ma' Franza. Matul dawn is-sentejn saru ħafna atti ta' qlubija min-naħa tal-Maltin fl-attakki tagħhom kontra l-Franċiżi. Iż-Żwieten irnexxielhom jirbħu t-torrijiet ta' San Luċjan u San Tumas, iżda xejn ma kienet ħaġa ħafifa li titla s-swar għoljin u massiċċi tal-Kottonera, biex minn hemm taqla' 'l barra t-truppi Franċiżi.

**Iż-Żwieten jaħtfu s-salib mill-Kunvent tal-Kapuċċini.**

Is-salib tal-pjazza propju jfakkar wieħed minn dawn l-inċidenti. Fl-24 ta' Settembru, 1798, il-Maltin akkwistaw numru kbir ta' xkubetti u munizzjon mingħand l-Ingliżi, li ftit ġranet qabel kienu għamlu


CASSAR STORE

***18, Mater Boni Consiglii Street, Żejtun. Tel:695156***

**Għall-Fridges- Cookers- Washing Machines- Televisions- Videos- Hifi, etc, ta' Marki- Balay- Candy- Kelvinator- Derby- Pastor- Camell- Ariete, kif ukoll Saqqijiet Orthopeadic Windsor u Home**

***ROĦS TA' 10% FUQ ĦLAS CASH***

rebħa fuq il-Franċiżi fl-Eġittu. L-għajnuna Ngliża kienet daħlet Marsaxlokk u għalhekk iż-Żwieten kienu fost dawk li gawdew minn din l-għajnuna. Inkoraġġiti meta raw l-armi ġodda f'idejhom, numru ta' rġiel u żgħażagħ Żwieten iddeċidew li jimpressjonaw lis-suldati Franċiżi billi resqu viċin ħafna s-swar tal-Kottonera jxejjru l-armi ġodda f'idejhom. Żgur li ma kellhom l-ebda ċans jirbħu lill-Franċiżi, li kellhom mhux biss xkubetti, iżda wkoll kanuni kbar biex jiddefendu s-swar. Fl-opinjoni tiegħi li għamlu dakinhar iż-Żwieten xejn ma kienet strateġija militari għaqlija. Bħala sinjal ta' din il-"bravura" huma ġiebu lejn iż-Żejtun is-salib ta' l-injam li kien fil-misraħ ċkejken quddiem il-knisja tal-patrijiet Kapuċċini, illum fil-Kalkara, ftit metri biss il-bogħod mis-swar difiżi mill-Franċiżi. Tant daħlu viċin is-swar biex ħadu dan is-salib li jien għandi d-dubji tiegħi jekk il-Franċiżi sparawx fuqhom jew le. Kieku sparawlhom, jien naħseb li kienu joqtluhom kollha!



PEDER PAVELS

**Kitbiet fuq il-Pedistall tas-Salib.**

Fuq il-pedistall ta' llum jidrhu żewġ kitbiet. L-ewwel waħda tgħid "Dan is-salib illi hawn tara mtella' u li kien fejn il-kunvent tal-Kapuċċini tal-Birgu fl-assedju tal-Franċiżi fl-1800 ġie meħud min-nies ta' dan ir-Raħal, imqanqlin mit-tjubija u mill-kuraġġ tagħhom, minn idejn l-għedewwa, u ġie mqiegħed bħala tifkira". U n-naħa l-oħra tal-pedistall it-tieni kitba tgħid: "Il-Papa Ljuni XIII fl-1898 ta 100 jum indulġenza lil min igħid Kredu quddiem dan is-sinjal tas-Salib". Fuq iż-żewġ naħat l-oħra tal-pedistall kwadru jidhru numru ta' simboli tal-Passjoni ta' Ġesu', bħas-sellum, lanza, imsiemer, sponża, martell, tnalja, eċċ. Ninnotaw li s-sena 1800 fil-kitba hi żbaljata (suppost li hi 1798), u wkoll l-espressjonijiet " minn idejn l-għedewwa" u "dan is-Salib li hawn tara" mhumiex storikament eżatti. Għaliex?

**Peder Pavels iżur Malta.**

B'xorti tajba llum għandna f'idejna mhux biss deskrizzjoni dettaljata u eżatta tas-salib li kienu ġiebu ż-Żwieten, iżda wkoll ħafna tagħrif dwar ix-xogħol li kien sar fl-1850 meta dak is-Salib kien tneħħa minn postu u floku tqiegħed dak li naraw illum. Fis-snin 1796-1797 kien żar Malta Rev. Peder Pavels, saċerdot Luteran, fuq il-frejgata Daniża "Thetis". Fost il-postijiet li żar u li kiteb dwarhom kien il-kunvent tal-Kapuċċini fil-Birgu, illum il-Kalkara. Kien it-Tnejn 2 ta' Jannar, 1797, jiġifieri sena u nofs biss qabel l-istorja tas-Salib tal-pjazza. Rev. Pevels ħalla deskrizzjoni dettaljata tas-Salib li ra quddiem il-kunvent tal-Kapuċċini. Araw x'kiteb: "Salib kbir bis-simboli kollha tal-Kruċifissjoni jiġbed l-attenzjoni ta' min iżur dan il-post. Meta jien ħarist lejn dan is-Salib, irrejalizżajt l-impressjoni


HAIR BASE

UNISEX SALON

Martin

*188, Our Lady of Mercy Street, Żejtun*

*Tel: 677296*

qawwija li ħwejjeġ bħal dawn, li tarahom b'għajnejk u tmisshom b'idejk, jistgħu jagħmlu fuq min ma jkunx imdorri jarahom. Is-Salib, is-sellum, il-lanza, l-isponża, l-imsiemer, kollox kien hemm, eżattament kif wieħed jimmaġina li kienu fuq il-Golgota. Taht is-Salib bi grada madwaru, kien hemm xbieha ta' Kristu bil-kitba: "Vide et perpende tormenta mea".

**L-isqof jordna li s-Salib oriġinali jitneħħa.**

Ma ninsewx li kienet drawwa li Salib kbir jitpoġġa quddiem il-knejjes tal-Patrijiet Kapuċċini jew ftit il-bogħod minnhom. Fil-fatt id-deskrizzjoni tas-Salib miktuba minn Pavels tikkorrispondi ħafna mas-Salib impitter fl-isfond tal-kwadru ta' Ġuzeppi Habela, li għadu jinsab fil-kunvent tal-Kapuċċini fil-Kalkara. Iżda s-Salib li jinsab illum fiż-Żejtun mhux l-istess wieħed li kien inġieb mill-Kalkara. U prova ta' dan għandna dokumenti fl-arkivju parrokkjali taż-Żejtun. Li ġara kien dan:- matul il-mixja tas-snin, is-Salib oriġinali tant ġarrab ħsara, espost kif kien għax-xita u x-xemx, li fl-1850 kellu jiġi mibdul għal kollox. Iż-Żwieten xtaqu kieku jsewwu dak li kien hemm, iżda lanqas biss seta' jissewwa. Għalhekk bl-ordni ta' l-Isqof Mons P. dei Conti Sant sar wieħed ġdid. Manuskritt numru 91 fl-arkivju parrokkjali jforni ħafna dettalji dwra l-ispejjeż li saru, minn fejn inġieb l-injam, il-flus kif inġabru eċċ. Biss f'dan il-manuskritt hemm żball ċkejken fid-data, meta l-kittieb igħid li s-Salib oriġinali kien inġieb mill-kunvent tal-Kapuċċini fl-1801.

**Il-Fratellanza tbiegħ l-istatwa tar-Rużarju lill-Kapuċċini.**

Marbut ma' l-istorja tas-Salib hemm storja oħra. Jingħad li l-istatwa ta' l-injam tal-Madonna tar-Rużarju li qiegħda fit-taraġ tal-kunvent tal-Kapuċċini fil-Kalkara ġiet mogħtija miż-Żwieten lill-patrijiet bħala tpattija għas-Salib li kienu ħadulhom. Lanqas din l-istorja m'hi eżatta għal kollox. Fil-fatt il-patrijiet kienu xtraw din l-istatwa mingħand il-fratellanza tar-Rużarju taż-Żejtun għal 125 Skud. Att notarili magħmul quddiem in-Nutar A.V. Caruana fl-20 ta' Settembru, 1803 jikkonferma dan. L-istess naqraw fir-reġistru tal-laqgħat ta' l-istess fratellanza.(A.P.Z.,Ms.254). Din l-istatwa, li llum naraw għand il-Kapuċċini, kienet inħadmet għaż-Żejtun fl-1769 mill-iskultur Antonio Fabri bi spiża ta' 70 Skud. Fl-1803 saret oħra ġdida għall-fratellanza taż-Żejtun.

Dan hu li tagħmel ir-riċerka storika.Għalhekk l-istudji huma meħtieġa, għaliex barra li jikkonfermaw ħwejjeġ u ġrajjiet li konna ilna nafu bihom, jiswew ukoll biex jikkoreġu xi żbalji u jitfgħu dawl ġdid fuq avvenimenti mgħoddija. B'hekk igħinuna napprezzaw aħjar u b'mod aktar intelliġenti u storikament tajjeb l-istorja ta' ġensna.

***Kitba tal-Kan. Joe Abela***

ROSE'S HOBBY CENTRE

(ta' Leo)

*TRIQ TAL-BARRANI, ŻEJTUN*

*Kull ma tinħtieġ għal Biedja u Trobbija ta' Tjur u Annimali*

**Tel: 882735**